MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2690/1996/1

**Gaetano u Pauline konjugi Bartolo bhala kuraturi ad litem ta' binhom minuri Remi Bartolo u b'nota tal 10 ta' Novembru 1998 Remi Bartolo assuma l-atti tal-kawza stante li sar maggorenni.**
**vs**
**Louis u Alberta konjugi Pace f'isimhom proprio u kif ukoll bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Stephen Pace u b'nota tal-14 ta' April 1999 Stephen Pace assuma l-atti tal-kawza stante li sar maggorenni.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Premess illi l-konvenut Stephen Pace ta’ sittax -il sena, l-iben minuri tal-konvenuti l-ohra Louis u Alberta konjugi Pace, fit-30 ta’ Mejju 1996, saq vettura Isuzu fi Triq Nerik Sacco, Marsa;

Premess illi l-imsemmi Stephen Pace kien qieghed isuq l-imsemmija vettura b’negligenza, traskuragni, b’nuqqas ta’ diligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tant li ta’ lok ghal incident stradali;

Premess illi l-imsemmi ncident stradali okkorra minhabba htija esklussiva ta’ l-imsemmi Stephen Pace u f’liema ncident wegga’ l-attur Remi Bartolo, it-tifel minuri ta’ l-atturi l-ohrajn Gaetano u Pauline konjugi Bartolo, li dakinhar kien ‘’*pedestrian”*;

Premess illi f’dan il-kaz il-konvenuti konjugi Pace ma hadux kura u hsieb ta’ l-imsemmi tifel minuri Stephen Pace biex dan il-fatt ma jigrix, u dan fit-termini ta’ l-artikolu 1034 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Premess illi b’konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attur Remi Bartolo sofra, qieghed isofri u ghad irid isofri d-danni minhabba l-parmanenza tad-debilita’ li sofra f’persuntu u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Premess illi l-konvenuti gew inutilment interpellati sabiex jersqu ghal likwidazzjoni tad-danni;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tiddikjarahom unikament responsabbli ghall-incident stradali fit-30 ta’ Mejju 1996 fi Triq Nerik Sacco, Marsa u li fih wegga’ l-attur Remi Bartolo;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-minuri Remi Bartolo, okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi; u

3. tikkundannahom ihallsu solidalment bejniethom jew mod iehor is-somma hekk likwidata lill-atturi;

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni ta' l-Atturi a fol.3 tal-process.

Rat in-**Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha** a fol. 39 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil fatt u fid-dritt;

2. Illi l-incident *de quo* ma kienx htija tal-konvenuti jew ta' xi wiehed minnhom;

3. Illi mhux minnu li l-konvenuti konjugi Pace ma hadux kura u hsieb ta' binhom li dak iz-zmien ta' l-incident *de quo* kien minorenni; Louis Pace kien imsiefer fid-data in kwistjoni;

4. Illi m'huwiex minnu li l-attur sofra danni kif qed jallega;

Rat in-noti a fol 30 u 40;

Rat id-digriet a fol 73 li bih gie nominat Mr. Charles Grixti bhala espert mediku;

Rat ir-relazzjoni tieghu a fol 75;

Rat id-digriet a fol 155 li bih gew nominati periti addizzjonali;

Rat ir-relazzjoni taghhom a fol 164;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Talba u eccezzjonijiet**

L-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jew min minnhom jigu dikjarati responsabbili ghall-incident  stradali li gara fit-30 ta' Mejju 1996 fil-Marsa li fih wegga' Remi Bartolo. Il-konvenuti wiegbu li mhumiex responabbili ghall incident in kwistjoni jew li ma hadux kura u hsieb ta' binhom minuri li kien qed isuq il-karozza.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Dinamika ta' l-incident**

Illi l-partijiet mhux qed jaqblu dwar kif gara l-incident. Remi Bartolo qed jghid li l-incident gara meta kien qed jaqsam it-triq u kif wasal biex jitla' l-bankina, laqtighu l-karozza li kienet misjuqa minn Stephen Pace.  Stephen Pace invece jghid li kien se jipparkja u kif ghadda bil-quddiem tal-vettura minn fejn kien hemm Remi Bartolo fuq il-bankina dan nizel il-bankina u qaras siequ mar-rota ta' quddiem tal-karozza.

Il-partijiet taw l-istess versjoni lill Pulzija wara l-incident. Skond l-okkorrenza ezibita a fol. 9 Stephen Pace qal lis-Surgent li hu kien tiela minn Triq Nerik Sacco biex jipparkja meta kienet gejja vettura minn naha opposta u f'daqqa wahda ra lill Bartolo jaqa' min fuq il-bankina u saqajgh giet bejn il-bankina u r-rota. Minn naha l-ohra Remi Bartolo qal lis-Surgent (ara fol 11) li kien tiela l-bankina faccata tal-Knisja Marija Regina go Triq Nerik Sacco Marsa  meta gie wiehed li hu tifel tal-Budget Rent a Car u laqtu bil-vettura Izuzu Gemini meta dan kien se jipparkja.

**Responsabilita' ghall-incident**

Il-Qorti trid tiddeciedi ghalhekk jekk l-incident garax kif qal Bartolo jew Pace cjoe jekk l-incident garax ghax Stephen Pace qabad sieq Remi Bartolo mal-bankina meta Remi Bartolo nizel jew waqa' mill-bankina jew inkella ghax Remi Bartolo kien ghadu kemm spicca jaqsam it-trieq u ntlaqat meta kien tiela l-bankina.

Obbligi tal-Pedestrians

Fl-iskorta tal-gjurisprudenza kostanti in materja, il-kejl li bih jehtieg li tigi meqjusa l-materja ta' responsabilita' jibqa' dak tad-determinazzjoni ta' x'kienet il-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident u x'kien il-fatt determinanti li pprovokah. Hu car li kemm il-*pedestrian*, kif ukoll id-*driver*, ghandhom drittijiet u responsabilitajiet bhala utenti tat-triq u kull wiehed minnhom kien bil-ligi obbligat li josserva r-regolamenti li jinkombu fuqhom biex jigi assigurat illi fl-esercizzju tad-dritt taghhom li juzaw it-triq ma jaghmlu xejn biex ifixklu lil haddiehor l-uzu legittimu ta' l-istess triq. Meta jkun hemm nuqqas, sew jekk tal-*pedestrian*, sew jekk tas-sewwieq, temani r-responsabilita' ghall-akkadut. Minn dan trid tigi evalwata l-htija u l-eventwali responsabilita' ghas-sinistru. Dan kollu, f'dan il-kaz, indipendentement mill-fatt li d-*driver* ma kellux licenzja tas-sewqan.

Fil-*highway code* jinghad li l-*pedestrians* "*Before crossing the road look right and left and satisfy yourself that it is safe to cross. Look out for approaching traffic and take its speed into account. Cross the road as directly as possible. When stepping off a footpath look towards oncoming traffic. Do not make a sudden dash into the carriageway*". ( Ara wkoll sentenza fil Vol. XXXV, P.IV, p.1157).

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda bil-gurament tasal ghall konkluzzjoni li l-incident gara kif xehed Remi Bartolo u mhux kif qal Stephen Pace. Dan il-Qorti qed taghmlu a bazi ta' zewg konsiderazzjonijiet ewlenin.

1. Il-versjoni ta' Remi Bartolo giet konfermata u kkorroborata minn xhud (passiggiera) li kienet fil-vettura ta' Pace meta gara l-incident, u minn ohrajn li kienu prezenti fuq il-bankina.
2. Stephen Pace qatt ma ra lill Remi Bartolo qabel l-incident, la fit-triq u lanqas fuq il-bankina u qed jippresupponi dak li seta gara u jghid li la laqtu bil-fors

ghax Remi Bartolo nizel jew waqa’ mill-bankina ghal got triq.

Remi Bartolo xehed li dakinhar ta’ l-incident kien fejn il-Knisja ta’ Maria Regina fil-Marsa. Meta ra li ma kienx hemm karozzi gejjin qasam ghall faccata fejn kien hemm shabu qeghdin fejn s-soltu joqghodu fuq il-bankina taht il-lampa tad-dawl. Beda jaqsam it-triq u kif appena sieq wahda kienet fuq il-bankina u l-ohra ghada fit-triq, appena ser intellaghha, f’sekonda sab ruhu ma’ l-art. Bid-daqqa tal-karozza tgerbeb tul ta’ karozza f’distanza.

Xhieda prodotti jikkonfermaw li Bartolo kien fit-triq qed jaqsam qabel sar l-incident. Maria Micallef li kienet fil-karozza ma’ Pace fuq wara xehdet li l-vettura daret il-kantuniera u dahlet fi Triq Nerik Sacco. Pace kien qed isuq bi *speed* daqsxejn accellerat u di fatti kienet gibditlu l-attenzjoni biex inqass ftit mill-ispeed. Hi lemhet lill Bartolo fit-triq qabel ma sar l-incident u kellha ghalfejn tahseb li Pace kien qiegħed jarah bhalha ghax hu kien qieghed fuq quddiem isuq. L-ewwel darba li rat lill Ronnie (Remi) dan kien ghadu qieghed jaqsam it-triq qed joqrob lejn il-bankina u dak il-hin l-vettura ta’ Pace kienet ghadha tul ta’ hames karozzi ‘l boqghod. Sakemm Ronnie tela l-bankina Pace tghajru bir-rota ta’ quddiem tan-naha tax-xellug.

Alison Spiteri xehdet li Remi kien gej jaqsam lejn in-naha fejn kienu ngabru hafna zghazagh, meta f’daqqa tilmah vettura gejja bi *speed* accellerat inkaxxat mal-bankina u kif Remi kellu sieq wahda fuq il-bankina u l-ohra ghadha fit-triq, din il-vettura barmet lill Remi li spicca fuq il-bankina. Meta l-vettura daret il-kantuniera dina gibdet mill-ewwel ghall-bankina.

Charmaine Diacono xehdet li semghet il-vettura ta’ Pace gejja minn warajha. Ftit sekondi wara tilmah il-vettura tghaddi nkaxxata mal-bankina u fil-hin u l-mument rat lil Remi jaqa’ fuq il-bankina u dar darbtejn ma’ l-art. Qabel Remi intlaqat mill-vettura, kellu sieq wahda minnhom diga’ fuq il-bankina. Kif nizel Stephen Pace mill-vettura semghatu jghid “Hi x’ghamilt, ma rajtux”.

Minn naha tieghu l-konvenut Stephen Pace insista li Remi Bartolo nizel mill-bankina meta hu kien qed jipparkja. Hu xehed li dahal minn Triq Dicembru 13, biex jipparkja bil-quddiem. Fejn kien ser jieqaf kien hemm xi guvintur u tfajliet fuq il-bankina. Kien qed isuq bil-mod biex jipparkja u ma kienx qed jisspidja. Fil-hin li wasal ra li kienu qed jiccajtaw, jahseb b'xi karawett, u f'daqqa u l-hin, l-attur nizel il-bankina. Hu laqtu bir-rota tan-naha tal-passiggier bil-quddiem. Anzi kien Remi Bartolo li nizzel siequ minn fuq il-bankina ghall post fejn kien hemm ir-rota. Hu ma kienx tela l-bankina jew qaras ir-rota mal-bankina. Qabel ma gara l-incident Remi kien fuq il-bankina, u biex dan laqat mar-rota bil-fors li hu nizel minn fuq il-bankina hekk kif il-*bumper* kien gja qabzu. Skond Pace l-incident sehh biss ghax Remi bilfors nizel il-bankina. Hu ma kienx laqtu bil-quddiem jew bil-*bumper* jew bil-*mudguard* tal-karozza. Cahad li Remi kien qed jaqsam. Remi kien fuq il-bankina mhux ghax rah izda ghax ma kien hemm hadd tahta kif kien qed jersaq biex jipparkja.

Ix-xhieda li kienu fil-vettura ma' Stephen Pace u dawk li kienu prezenti fuq il-bankina, mhux biss jikkonfermaw il-versjoni ta' Remi Bartolo, li hu ntlaqat meta kien qed jasam it-triq u kwazi tela l-bankina, imma qalu wkoll li Stephen Pace kien gej bi *speed* (accellerat) u kif dar il-kantuniera ippunta mal-ewwel biex jipparkja u nkaxxa mal-bankina tant li sieq Remi Bartolo giet bejn il-bankina u r-rota tal-vettura misjuqa minn Pace. Hu ha lill Bartolo bi sbrixx meta dan kien tiela l-bankina.

Ix-xhieda ma setghux jifhmu kif huma raw lill Bartolo qed jasam, u Pace ma rahx, meta dan kien qed isuq u suppost setgha jarah. Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna "Min ma jarax dak li ragjonevolment kellu jara jfisser li ma harisx jew ma harisx sew" (App Krim Pul vs J. M. Laferla 17/6/1961). Huwa dover ta' sewwieq "*to see what is in plain view*". (App Krim Pul vs J.Vella 10.8.1963).

Il-Qorti hi tal-fehma li Pace ma lahaqx rah lill Bartolo ghax hu kien ghadu kemm dar il-kantuniera u kif dar kienet gejja karozza minn faccata, gibed mill-ewwel lejn il-bankina biex jipparkja bil-quddiem u nkaxxa l-karozza

vicin mal-bankina u f'dak il-mument laqat bi sbrixx lill Bartolo li kien ghadu kemm qasam u kien kwazi tela l-bankina. Inoltre jirrizulta li Bartolo kien ghaddej isuq, u ghalkemm ma jirrizultax xi *speed* eccessiv, izda jidher li Pace ma kienx qed isuq b'mod prudenti ghal lokalita' u ghan nies li kien jaf li hemm migbura fit-triq. (Dak in nhar kienet il-Festa).

Il-Qorti ghalhekk issib li l-incident gara tort tal-konvenut Stephen Pace. Il-konvenut qed jissottometti wkoll li jekk tinsab htija da parti tieghu, Remi Bartolo ghandu jwiegeb ghal htija kontributorja. In tema ta' htija kontributorja, il-principju akkolt fil-gurisprudenza hu illi fejn il-htija tigi stabbilita allura m'ghandha tinstab l-ebda htija kontributorja. Fil-kaz in ezami Remi Bartolo ma kellu ebda tort ghall incident billi meta hu beda jaqsam ma kienux gejjin karozzi u kien biss meta kwazi tela l-bankina li hu intlaqat mill-vettura misjuqa minn Pace li gie f'daqqa minn wara kantuniera.

**Sewqan taht l-eta'**

Jirrizulta li Stephen Pace kellu sittax il-sena meta gara l-incident u ghalhekk kien qed isuq il-karozza bla licenzja.

Dwar responsabilita' ta' Stephen Pace, meta gara dana l-incident hu kellu 16 il-sena u ghalhekk hu jwiegeb ghall-hsara li ghamel skond l-artikolu 1035 tal-Kodici Civili[1].

**Responsabilita tal-genituri**

Hemm pero' ukoll il-kwistjoni jekk il-genituri tieghu iwegbux ukoll ghall hsara kawzata. Biex tirnexxi l-azzjoni kontra l-genituri, l-atturi jridu jippruvaw skond l-artikolu

[1] .**1035.** L-imgienen, it-tfal ta' taht l-età ta' disa' snin, u, meta ma jigix ippruvat li mxew bil hazen, it-tfal ukoll li ma jkunux ghalqu l-età ta' erbatax-il sena, mhumiex obbligati ghall hlas tal-hsarat maghmulin minnhom; izda jibqa' shih il-jedd ta' min ikun bata l- hsara ghall-azzjoni, meta hemm lok ghaliha, kontra dawk li huma obbligati ghal dawk il-hsarat, skond l-ahhar artikolu qabel dan.

1034 tal-Kodici Civili[2] li dawn ma hadux hsieb bil-ghaqal ta' *bonus paterfamilias* biex jaraw li ma jsirx il-fatt li ghamel il-hsara.

Dwar il-fatt li Stephen Pace kien isuq karozzi meta ma kienx ghadu ghalaq it-tmintax il-sena u ghalhekk bla licenzja, jirrizulta ampjament mill-provi prodotti. Maria Micallef xehdet li Stepehn kien isuq il-karozza kemm qabel dan l-incident u kemm wara dan l-incident. Kien isuq il-karozza frekwenti u hi kienet mieghu xi darbtejn jew tlieta. Alison Spiteri tghid li Stephen Pace dejjem tafu jsuq il-karozza, kemm qabel kif ukoll wara dan l-incident. Remi Bartolo xehed li Stephen Pace kien isuq diversi vetturi ghax missieru ghandu garaxx u rah diversi drabi jsuq kemm qabel l-incident kif ukoll wara. Gaetano Bartolo, missier Remi xehed li fil-1996 wara l-incident hu kemm il-darba inzerta lill Stephen Pace u lill missieru johorgu mid-dar u jsuq Stephen (fol 149) .

Ghalkemm dawn kollha jghidu li kienu jaraw lill Stephen Pace isuq, il-genituri tieghu xehdu mod iehor.

Alberta Pace, omm Stephen, tghid li **m**eta gara l-incident ir-ragel taghha kien imsiefer. Stephen suppost kien ikun il-garaxx jahsel il-karozzi. Taf li fil-garaxx it-tifel kien jirriversja l-karozzi. Ic-cwievet kienu jkunu fil-karozzi. Hi ma tatu ebda permess biex johrog isuq fit-triq u dak li ghamel, ghamlu minn jeddu.

Louis Pace missier Stephen xehed li hu bil-garaxx u c-cwievet tal-karozzi li kien jikri kienu jibqghu fil-karozzi u jkunu accessibbli. Dakinhar ta' l-incident il-karozza Izuzu Gemini li ha Stephen kien halliha fil-garaxx. F'dawk iz-zminijiet hu qatt ma ra lit-tifel isuq il-karozza. Hu kien ikun imsiefer hafna u ma kienux jigbdulu l-attenzjoni fuq hekk. Ma jafx li t-tifel kellu f'idejh karozza u lanqas kien jaf li jaf isuq. Milli jidher it-tifel ha l-karozza minn gol garaxx u c-cwievet li ha kienu gol kexxun. Ghandu hafna haddiema u

---

[2]. **1034.** Kull min jiehu hsieb ta' wiehed minuri jew ta' mignun, hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri jew il-mignun meta huwa ma jkunx ha l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix.

cwievet jigru. It-tifel kien jersaq lejn il-garaxx bhal haddiema ohrajn. Minn dak in-nhar tal-incident l-hawn inbidlu hafna affarijiet dwar ic-cwievet billi dak iz-zmien kellu hafna xoghol u llum xejn. Ma jafx kif Stephen ha c-cavetta billi hu kien imsiefer. Ma jafx li t-tifel kien isuq karozza qabel l-incident, pero' mhux ser jiskanta ghax qieghed f'dan ix-xoghol. Xehed li "Jien ma niskantax li t-tifel kien isuq ta' 16 il-sena ghax jien kont bdejt ta' 10 snin" (fol 146).

Stephen Pace xehed li kien ha l-karozza lill missieru minn gol garage. Il-vettura kienet ta' missieru personali u gab ic-cavetta minn gewwa l-kexxun. Ma kienitx l-ewwel darba li kien saq din il-karozza. Dak in nhar ta' l-incident missieru kien imsiefer. Lill ommu ma kienx qalilha li kien saq il-karozza ta' missieru. Il-mama gieli kienet tkun il-garaxx tahdem. Il-karozza kienet il-garaxx l-iehor u ma rah hadd. Meta ha l-karozza ommu kienet id-dar. Ommu u missieru ma kienux jafu li ha l-karozza.

**Tikkunsidra**

Jirrizulta bhala fatt li ma kienitx l-ewwel darba li Stephen saq bla licenzja meta kellu sittax il-sena. Il-Qorti trid tiddeciedi jekk il-genituri ta' Stephen Pace kienux jafu li Stephen kienx qed isuq karozzi meta kien taht l-eta', u jekk huma setghux jimpeduh milli jiehu c-cwievet tal-karozza.

Mill-provi prodotti jirrizulta li omm Stephen Pace kienet taf li binha kien isuq il-karozzi allavolja kellu sittax il-sena biss, izda skond hi, kien isuqhom fil-garage il-kbir. Stephen Pace ha l-karozza personali ta' missieru li kienet fil-garage l-iehor u ha c-cwievet li kien hemm go kexxun f'dak il-garage. Louis Pace ma kienx izomm ic-cwievet tal-karozza personali tieghu fuqu jew x'imkien fejn seta' jissorveljhom izda halla c-cwievet tal-karozza personali tieghu f'dan il-garage go kexxun accessibili ghall kull min setgha jidhol gol garage, fosthom ibnu.

Louis Pace u martu jghidu li huma ma kienux jafu li binhom kien jaf isuq jew qatt rawh isuq ta' dik l-eta' fit-triq.

Il-Qorti tara li dana hu inverosimili kemm meta tikkunsidra li donnu kulhadd kien jaf li Stephen isuq hlief il-genituri tieghu, u t-tieni jidher li anke Louis Pace seta jissoponi li ibnu kien isuq. Ghalkemm hu jghid li ma kienx jafx li t-tifel kien isuq karozza qabel l-incident, pero' qal ukoll li mhux ser jiskanta ghax qieghed f'dan ix-xoghol. Inoltre xehed li "Jien ma niskantax li t-tifel kien isuq ta' 16 il-sena ghax jien kont bdejt ta' 10 snin" (fol 146). Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti ma setghux ma kienux jafu li binhom kienu diga beda jsuq ta' dik l-eta'.

Louis Pace xehed li meta Stephen hadlu l-karozza hu kien imsiefer. Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, "Fil-missier hija riposta l-kura tal-minuri, u mhix il-presenza tieghu materjali li tirrendieh responsabbili, izda d-direzzjoni u l-kura li skond il-ligi huwa ghandu tat-tfal minuri, li torbtu f'dan il-kamp b'mod li anki jekk ihalli t-tfal minuri taht il-kura ta' ommhom, ir-responsabilita' tieghu ma tispiccax. Jibqa' dejjem li jehtieg jigi pruvat li l-missier naqas mill-vigilanza fuq ibnu li timponilu l-ligi". (PA Zerafa vs Gauci 14/12/1955).

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti genituri ta' Stephen Pace kienu jafu li binhom kien qed isuq il-karozzi meta hu kien ghadu taht l-eta' u ghalhekk huma responsabbili ghall agir tieghu skond il-ligi. Il-konvenuti kellhom jiehdu hsieb aktar bhala missier tajjeb ta' familja li jaraw lill binhom ma jippermettulux li jiehu c-cwievet tal-karozzi biex isuqhom.

**Danni**

Skond ir-rapport ta' Mr. C. Grixti (ara fol 75) Remi Bartolo gie ezaminat a fini tar-rapport fit-18 ta' Mejju 2000. L-espert ikkonkluda li Bartolo kellu 5% dizabilita'. Il-konvenuti talbu n-nomina ta' periti addizzjonali u dawn (ara fol 164) ezaminaw lill Bartolo fis-6 ta' Jannar 2005. Huma kkonfermaw li Bartolo garrab ferita li fiha tilef bicca sostanzjali tal-gilda fuq il-gemb tal-ghaksa leminija u din kellha bzonn li tigi mghottija minn gilda mehuda minn banda ohra. Din il-gilda barranija fieqet pero' baqghet xi ftit sensittiva. Fl-incident Bartolo wegga' wkoll il-*ligaments*

ta' l-ghaksa leminija, u dawn ukoll fiequ izda hallew limitazzjoni ckejkna fuq il-movimenti fl-istess gog. Il-fatt li sabu ftit nixfa tal-muskoli tal-pexxun, ikkonferma li baqghet kemmxejn nuqqas ta' funzjoni f'dan ir-rigel. Ghalhekk Bartolo ghandu dizabilita' permanenti ta' 4% b'rizultat ta' l-incident ta' Mejju 1996.

Joseph Cordina li mieghu Remi Bartolo hu impjegat esebixxa *Pay Slip* li turi Gross Pay ta' Lm 87.31 jew *net pay* ta' Lm 73.66 fil-gimgha.

L-incident gara f'Mejju 1996 u fid-data ta' l-incident Remi Bartolo kellu sittax il-sena.

Il-periti addizzjonali taw lill Bartolo 4% bhala *permanent disability*. Il-Qorti qed tiehu dana l-persentagg bhala dak li fuqu ser tahdem it-telf li sofra Bartolo billi l-ezami sar minn tlett tobba addizzjonali u l-ezami li sar fuq Bartolo huwa aktar recenti.

Il-Qorti ser tahdem fuq *multiplier* ta' 40 sena billi Remi Bartolo kellu 16 il-sena meta korra u se tikkalkula fuq paga netta ta' Lm90 fil-gimgha li ghandha tiehu in konsiderazzjoni z-ziediet li jistghu jinghatawlu tul dan il-perjodu.

Fl-ahharnett il-Qorti mhux ser tnaqqas xejn ghal pagament *lump sum* billi l-kawza ilha li giet prezenta minn 1996. Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe." (P.A. (JSP) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995) intqal:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghall-'lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorti ta' decizjonijiet ohra jidhrilha li ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

**Kalkolu**

Lm90 x 52 x 40 = Lm187,200;
B'disabilita' ta' 4% = Lm7,488

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tiddikjara lill konvenuti unikament responsabbli ghall-incident stradali tat-30 ta' Mejju 1996 fi Triq Nerik Sacco, Marsa u li fih wegga' l-attur Remi Bartolo;
tillikwida d-danni sofferti minn Remi Bartolo fl-ammont ta' sebat elef erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm7,488); u
tikkundanna lill konvenuti solidalment bejniethom ihallsu s-somma hekk likwidata lill-atturi.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------